# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 12 ta' Lulju, 2002.**

**Kawza Numru: 14**

**Citaz. Nru. 2357/96 GV/7**

Doc. No.286-02

**James u Rosanne mizzewgin Trapani**

**Vs**

**Vincent Cilia**

**Il-Qorti.**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi in forza ta' skrittura privata ta' konvenju datata il-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), li kopja tieghu qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dokument "A", il-konvenut obbliga ruhu illi jaccetta, jixtri u jakkwista minghand l-atturi li obbligaw ruhhom illi jbieghu jassenjaw u jittrasferixxu hamsin (50) sehem "fully paid" fis-socjeta' Kummercjali "Arm Strong Company Limited" versu il-prezz ta' elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2,500) u kundizzjonijiet l-ohra kollha indikati fl-istess skrittura;

Premess illi dan il-konvenju kien validu sa tliet xhur mid-data tal-istess skrittura u minkejja diversi interpellanzi u dana anki permezz t'ittra ufficjali tal-11 ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996), li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dokument "B", il-konvenut baqa' ma resaqx ghall-kuntratt finali opportun ghat-trasferiment tal-imsemmija ishma kif mitlub ;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lil istess konvenut sabiex jersaq ghall-kuntratt finali ta' trasferiment u jaccetta, jixtri u jakkwista il-fuq imsemmija hamsin (50) sehem "fully paid" fis-socjeta' Kummercjali "Arm Strong Company Limited " versu il-prezz ta' elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2,500) u kundizzjonijiet l-ohra kollha indikati fl-istess skrittura tal-hmistax ta' Marzu elf disa' mija sitta u disghin (1996) li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u mmarkata Dokument "A";

2. Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-kuntratt ta' trasferiment ;

3. Tinnomina u tahtar kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci u okkorrendo Avukat jew Nutar Pubbliku sabiex jezegwixxi l-mansjoni ta' xhud ghall-istess trasferiment ;

Bl-ispejjez u l-imghax.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 15 fejn eccepixxa ;

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-konvenut ma jopponix li jsir it-trasferiment favurih ta' hamsin (50) sehem *fully paid up* fis-socjeta' Kummercjali "Arm Strong Company Limited" u dana skond il-kondizzjonijiet miftehma fil-konvenju datat 15

ta' Marzu, 1996, izda l-atturi ghadhom sallum stess ma ppresentawx il-kunsens tal-azzjonisti tal fuq imsemmija socjeta' necessarju biex isir it-trasferiment ai termini ta' l-istatut ta' l-istess socjeta' stante illi l-konvenut huwa terza persuna u ghaldaqstant il-kawza odjerna hija intempestiva.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat is-sentenza preliminari a fol. 71/92;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**PROVI**

L-attur James Trapani xehed li kien direttur u shareholder fil-kumpanija Arm Strong Co Ltd u kellu 50 A Class ordinary shares li xtrahom ghas-somma ta' Lm2,500. Il-konvenut kien temmlu l-impjieg hesrem u ghalhekk ftehmu li jbiegh ix-shares lura lill Cilia bil-prezz li xtrahom, u minn naha tieghu l-konvenut inehhi kull garanzija bankarja li kien hemm minn naha tieghu fol. 21. Kien sar konvenju (fol. 5) f'dan is-sens u ma kien hemm ebda diskors li l-attur kellu jfittex il-kunsens ta' xi hadd biex jittrasferixxi dawn ix-shares. Imma billi mbaghad hu fittex ghad-drittijiet tieghu bil-Labour Office, il-konvenut ma riedx jikkonkludi l-konvenju dwar ix-shares. Barra l-konvenut, bhala azzjonista kien hemm Mario Cassar, u dan kien jaf, ghax kien ikun prezenti, li hu kien ser jittrasferixxi x-shares.

**Il-konvenut** xehed li hu kien accetta li jixtri x-shares minghand l-attur u ghadu irid jixtrihom sallum. Meta l-attur huwa lest li jbieghlu x-shares hu

lest li jixtrihom. Fil-Memorandum pero‘ hemm kondizzjoni li qabel l-attur ibiegh ix-shares hu jrid joffrihom lix-shareholders tal-kumpanija. Sa fejn jaf hu l-attur ma kienx avvicina lill azzjonisti tas-socjeta’. Il-major shareholder ta’ Armstrong Co Ltd hija Co-op Trading Co Ltd u 99% tax-shares fiha huma f’ismhu u f’isem il-mara u hemm xi hadd iehor b’share wiehed. Fil-kumpanija l-mara tiehu hsieb.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F’dina l-kawza kien sar appell minn decizjoni ta’ dina l-Qorti li ddikjarat li l-kapitolu pprezentat kontra l-konvenut kien gie mistqarr mill-konvenut u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attur. Il-konvenut kien appella u l-Qorti ta’ l-appell kienet irrevokat is-sentenza u baghtet l-atti lura biex dina l-Qorti tissabbilixxi jekk kienx jew le jezisti l-kunsens ta’ l-azzjonisti kollha ghat-trasferiment ta’ l-ishma msemmija fic-citazzjoni.

Illi l-attur kien iffirma konvenju mal-konvenut (fol. 5) biex ibieghlu lura x-shares li hu kellu fil-kumpanija mal-konvenut billi dan kien temmlu l-impieg tieghu fil-kumpanija hesrem.

Illi l-kumpanija Armstrong Co. Ltd. kellha 4 shareholders; Co-op Trading Co Ltd li kellha 505 A Class ordinary shares; Co-op Trading Co LTd li kellha 15 B Class Ordinary Shares; James Trapani 50 A Class Ordinary shares u Mario Cassar 150 A Class ordinary shares.

Illi fil-kumpanija Co-op Trading Co Ltd il-konvenut kellu 99% shares ma’ martu.

L-attur kien irrezenja mill-kumpanija fis-26 ta’ Frar, 1996. Il-konvenju biex l-attur ibiegh ix-shares tieghu lill konvenut sar fil-15 ta’ Marzu, 1996. Mario Cassar ix-shareholder l-iehor irrizenja mill-kumpanija fit-23 ta’ Awissu, 1996. L-attur ghalhekk kellu bzonn biss il-kunsens tal-

kumpanija Co-op Trading Co Ltd li 99% mix-shares huma f'idejn il-konvenut u martu u li fil-kumpanija Arm Strong il-konvenut jidher ghan nom u n-rappresentanza taghha. Il-konvenut qed jippretendi li l-attur kellu jottjeni l-kunsens tieghu bhala major shareholder fil-kumpanija Co-op meta hu stess bhala major shareholder fil-kumpanija Arm Strong kien diga tah il-kunsens anzi intrabat bil-konvenju biex jerga jixtri x-shares minghandu.

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li fic-cirkostanzi ta' dana l-kaz billi l-kunsens kien jiddependi mill-istess konvenut li qed jammetti li hu jrid jixtri minghand l-istess attur dawn ix-shares, tikkonkludi li l-attur ma kellux ghalfejn isegwi l-procedura indikata fil-Memoradum ghat-transfer tax-shares. Wara kollox fil-konvenju ma kien hemm ebda kondizzjoni li l-attur kellu l-ewwel jottjeni xi kunsens biex isir it-transfer u lanqas sar diskors f'dan is-sens. F'dan il-kwadru l-Qorti terga' tiehu nkonsiderazzjoni l-kapitolu li kien sar kontra l-konvenut li gie mistqarr minnu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi:

billi tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lil istess konvenut sabiex jersaq ghall-kuntratt finali ta' trasferiment u jaccetta, jixtri u jakkwista il-fuq imsemmija hamsin (50) sehem "fully paid" fis-socjeta' kummercjali "Arm Strong Company Limited " versu il-prezz ta' elfejn u hames mitt liri maltin (Lm2,500) u l-kundizzjonijiet l-ohra kollha indikati fl-istess skrittura tal-hmistax ta' Marzu. elf disa' mija sitta u disghin (1996) Dokument "A";

Tinnomina lil Dr. Audrey Demicoli bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci, lin-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Darmanin sabiex jezegwixxi l-mansjoni ta' xhud ghall-istess trasferiment.

Bl-ispejjez u l-imghax kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**